IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2023
COM(2023) 668 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Twettiq tal-ambizzjonijiet tal-UE rigward l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta**

MT MT

# 1. INTRODUZZJONI

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se jagħtu kontribut ewlieni biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u għall-2050 u biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta huma mistennija jsiru parti indispensabbli mit-taħlita enerġetika li se tkun meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni u għall-ilħuq tan-newtralità klimatika. Dan huwa rifless fl-ambizzjoni tal-Istati Membri li sal-2030 jiksbu 111-il GW ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li hija kważi d-doppju tal-ambizzjoni stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore ppubblikata f'Novembru 2020[1].

Il-Kummissjoni tilqa' din l-ambizzjoni akbar, anke fil-kuntest tar-REPowerEU, li jirrikjedi bidla aktar mgħaġġla lejn l-enerġija rinnovabbli. Dawn l-ambizzjonijiet akbar fis-settur tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se jkollhom jinbidlu fi proġetti reali b'pass aċċellerat, anke biex l-UE żżomm it-tmexxija globali u l-kompetittività fl-istadju tal-manifattura u tal-varar, sforz li sar aktar diffiċli. Il-kostijiet żdiedu, il-marġnijiet tal-profitt huma mrażżna, u l-ktajjen tal-provvista globali huma aktar u aktar frammentati, inkluż permezz ta' aċċess ristrett għall-materjali u għall-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Din hija r-raġuni għaliex Pjan ta' Azzjoni għall-manifatturi tal-enerġija mir-riħ[2] jagħmel parti integrali mill-pakkett dwar l-enerġija mir-riħ.

Filwaqt li jibnu fuq il-progress importanti li sar fl-azzjonijiet tal-istrateġija, dawn l-isfidi l-ġodda jridu jiġu indirizzati. Il-kisbiet fl-implimentazzjoni tal-istrateġija jkopru varjetà ta' suġġetti u setturi li jkopru l-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-interazzjoni mal-ambjent tal-baħar, l-infrastruttura lil hinn mill-kosta, qafas regolatorju tal-UE, il-mobilizzazzjoni tal-investiment, ir-riċerka u l-innovazzjoni u katina tal-provvista u tal-valur aktar b'saħħitha madwar l-Ewropa kollha.

Biex tikkomplementa l-Pjan ta' Azzjoni, din il-Komunikazzjoni tissottolinja l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni favur l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-ilħuq l-ambizzjonijiet il-ġodda b'rabta mal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. L-industrija tal-enerġija mir-riħ għandha rwol sinifikanti fit-twettiq ta' dawn l-ambizzjonijiet, iżda anke t-teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani se jkollhom jagħtu kontribut importanti. Barra minn hekk, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jirrikjedu komponenti speċifiċi fil-katina tal-provvista tagħhom. Għalhekk, il-Komunikazzjoni tqis il-progress miksub sa issa u tindirizza l-isfidi ewlenin li ġejjin u tipproponi triq 'il quddiem biex:

- Jiġu żviluppati grilji transfruntieri lil hinn mill-kosta abbażi ta' metodi affidabbli għall-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji u l-allokazzjoni tal-kostijiet.

- Jinħarġu permessi b'mod mgħaġġel.

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:741:FIN&qid=1605792629666

[2] COM(2023)669

- Jissaħħaħ l-ippjanar tal-ispazju marittimu (MSP) bħala għodda biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u l-koeżistenza sostenibbli bejn is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u industriji oħra fuq il-baħar.

- Tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura rinnovabbli lil hinn mill-kosta u s-sigurtà marittima.

- Jiġu sostnuti l-isforzi fejn jidħlu r-riċerka u l-innovazzjoni biex tiġi żgurata t-tmexxija teknoloġika tal-UE u soluzzjonijiet sostenibbli li jirrikonċiljaw l-attivitajiet ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta mal-ambjent.

- Jiġu appoġġati l-ktajjen tal-provvista tal-UE biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom sabiex jibqgħu kompetittivi u kapaċi jgħinu fir-realizzazzjoni tal-livelli akbar ta' ambizzjonijiet għall-kapaċitajiet ta' enerġija lil hinn mill-kosta installati fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi permezz ta' djalogi kummerċjali apposta anke bl-involviment tal-industrija.

## 2. AMBIZZJONIJIET ĠODDA GĦALL-ENERĠIJI RINNOVABBLI LIL HINN MILL-KOSTA

Sabiex tiżgura li l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat strateġija apposta tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta imsejħa "Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima" (minn hawn 'il quddiem "l-istrateġija"[3]).

L-istrateġija kienet bidla gradwali billi pproponiet diversi azzjonijiet u stadji importanti speċifiċi biex tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli fit-tul tas-settur tal-enerġija lil hinn mill-kosta u biex iżżid il-kapaċità installata tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta sal-2030. U stabbiliet ambizzjonijiet ċari: li jkun hemm kapaċità installata ta' mill-inqas 60 GW ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta sal-2030 u 300 GW sal-2050. Barra minn hekk, ġie stabbilit objettiv għall-enerġija mill-oċeani: li jkun hemm mill-inqas 1 GW sal-2030 u 40 GW sal-2050.

Minn dak iż-żmien 'l hawn sar progress sinifikanti. L-azzjonijiet proposti fl-istrateġija fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew implimentati jew qabdu sew. Fl-istess ħin, kien hemm żviluppi sinifikanti fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Barra minn hekk, il-miri dwar il-klima u l-enerġija kif riflessi fil-Liġi dwar il-Klima[4] u fil-pakkett

---

[3] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:741:FIN

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")

"lesti għall-mira ta' 55 %" kif ukoll fir-REPowerEU[5] saħqu wkoll li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se jkollhom rwol ewlieni fl-iżgurar ta' aktar dekarbonizzazzjoni, sigurtà tal-provvista u s-sostituzzjoni tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja.

F'Jannar 2023, bl-istrateġija u bir-Regolament TEN-E bħala bażi, l-Istati Membri qablu dwar il-ġenerazzjoni ta' għanijiet mhux vinkolanti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta (ORE) sal-2050, b'għanijiet intermedji għall-2030 u għall-2040, f'kull wieħed mill-ħames baċiri tal-baħar tal-UE. L-għanijiet il-ġodda jistabbilixxu livell akbar ta' ambizzjoni għall-kapaċità installata meta mqabbla mal-istrateġija. L-għanijiet tal-2030 huma kważi d-doppju tal-ambizzjoni ta' 61 GW stabbilita fl-istrateġija. Dan jagħti ambizzjoni ġenerali li jiġu installati madwar 111-il GW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-ORE sal-aħħar ta' dan id-deċennju u dan jiżdied għal madwar 317-il GW sa nofs is-seklu. Għall-baċir tal-Baħar tat-Tramuntana, is-Summit ta' Ostend f'April 2023 irriżulta f'aktar tisħiħ tal-livell ta' ambizzjoni għal mill-inqas 300 GW sal-2050 fl-Ibħra tat-Tramuntana.




Fl-2022, il-kapaċità kumulattiva installata lil hinn mill-kosta tal-EU-27 kienet tammonta għal 16,3-il GW. Biex jitnaqqas id-distakk bejn il-111-il GW impenjati mill-Istati Membri u l-installazzjonijiet fl-2022, bħala medja rridu ninstallaw kważi 12-il GW fis-sena. Dan huwa 10 darbiet aktar mill-1,2 GW li ġew installati fl-2022.

Mit-tnedija tal-Istrateġija lil Hinn mill-Kosta, l-UE għamlet progress tajjeb fl-iżvilupp tal-enerġija mill-oċeani. Diversi proġetti pilota tal-enerġija mill-marea u mill-mewġ huma avvanzati sew, inkluż bl-appoġġ ta' Orizzont Ewropa u tal-Fond għall-Innovazzjoni. Sal-2027, jistgħu jinkisbu 100 MW ta' kapaċità tal-enerġija mill-oċeani u 1 GW sal-aħħar tad-deċennju jew sal-bidu tas-snin 30 tas-seklu 21.

---

[5] IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Pjan REPowerEU, (COM/2022/230 final)

Il-kooperazzjoni reġjonali hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet marbuta mal-enerġija lil hinn mill-kosta. Il-mexxejja u l-ministri ltaqgħu fis-17 ta' Diċembru 2022 fir-Rumanija u fl-24 ta' April 2023[6] fil-Belġju matul is-summits dwar l-enerġija lil hinn mill-kosta biex jaqblu dwar aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-livell politiku u l-avvanzar ta' proġetti transfruntieri tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Dawn is-summits bnew fuq is-summits ta' Esbjerg u ta' Marienborg tal-2022 fid-Danimarka, fil-preżenza tal-President von der Leyen u tal-Kummissarju Simson, għal kooperazzjoni msaħħa dwar it-tnedija aċċellerata tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Barra minn hekk, hemm interess dejjem akbar li fis-COP28 li jmiss ta' Novembru 2023, tiġi stabbilita mira globali għall-enerġija rinnovabbli li tistabbilixxi ambizzjoni globali f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi[7]. Għalhekk, hemm momentum biex jitħaffef malajr il-varar tal-forom kollha ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. F'dan il-kuntest, il-ministri tal-G7 diġà qablu li sal-2030 iżidu l-kapaċità tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta b'150 GW.

Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-azzjonijiet introdotti fl-istrateġija, iżda se tibni wkoll fuqhom biex ittejjeb l-isforzi biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet il-ġodda marbuta mal-enerġija lil hinn mill-kosta.

## 3. Kif għandhom jintlaħqu l-miri l-ġodda marbuta mal-enerġija lil hinn mill-kosta – azzjonijiet meħuda u miżuri ulterjuri

### 3.1. It-tisħiħ tal-infrastruttura tal-grilja u tal-kooperazzjoni reġjonali

Għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, jistgħu jiġu żviluppati proġetti fuq skala kbira 'l bogħod mill-kosta. Għalhekk, l-aċċess f'waqtu għal grilja li taħdem tajjeb huwa kruċjali, kemm lil hinn mill-kosta għat-trasport tal-elettriku lejn il-kosta, kif ukoll fuq l-art biex jiġi żgurat it-tisħiħ meħtieġ tal-grilja sabiex iċ-ċentri tad-domanda, anke f'reġjuni mhux kostali, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza ta' suċċess preċedenti bil-Gruppi politiċi ta' Livell Għoli (HLGs) bħala strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tal-enerġija, bir-Regolament TEN-E rivedut, ġie stabbilit qafas favorevoli għall-kooperazzjoni transfruntiera. Dan jippermetti lill-UE timxi lejn grilja integrata u effiċjenti lil hinn mill-kosta u fuq l-art, inklużi proġetti ibridi li jgħaqqdu l-Istati Membri u proġetti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta – xi drabi ta' skala kbira ħafna, bħall-gżejjer tal-enerġija ppjanati fl-ibħra tat-Tramuntana u tal-Baltiku. Billi jgħaqqdu diversi Stati Membri, il-proġetti ibridi u l-grilji

[6] https://energy.ec.europa.eu/news/president-von-der-leyen-participates-high-level-summit-focused-energy-security-energy-partnerships-2022-12-16_en; https://northseasummit23.be/

[7] https://unfccc.int/documents/9097

interkonnessi lil hinn mill-kosta b'mod ġenerali se jtejbu s-sigurtà tal-provvista, inaqqsu l-kostijiet għall-konsumaturi u jnaqqsu l-impatti ambjentali[8].

Għall-varar aċċellerat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-kooperazzjoni reġjonali hija essenzjali. Permezz ta' fora reġjonali inklużi l-gruppi reġjonali tat-TEN-E u l-HLGs politiċi[9], il-Kummissjoni kienet qed tippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija mir-riħ u mill-oċeani lil hinn mill-kosta fil-livell tal-baċir tal-baħar. Dawn l-isforzi dan l-aħħar bnew fuq id-dispożizzjoni msaħħa dwar il-grilji lil hinn mill-kosta fir-Regolament TEN-E rivedut, li jinkludi r-rekwiżit li l-Istati Membri jikkonkludu u jaġġornaw b'mod regolari l-għanijiet mhux vinkolanti għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta sal-2050 b'passi intermedji għall-2030 u għall-2040. Il-ftehimiet mhux vinkolanti ta' Jannar 2023 se jiġu aġġornati sa Diċembru 2024.

Il-Kummissjoni ffaċilitat il-kooperazzjoni transfruntiera u ħeġġet lill-Istati Membri jintegraw l-objettivi tal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom tal-ispazju marittimu, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri identifikaw u allokaw żoni sostanzjali għar-riħ lil hinn mill-kosta. Bħalissa l-aktar reġjuni avvanzati fir-rigward tal-enerġija lil hinn mill-kosta huma r-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u r-Reġjun Baltiku, fejn il-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC) u l-pjan ta' interkonnessjoni tas-suq tal-enerġija tal-Baltiku (BEMIP) iservu bħala pjattaformi ta' kooperazzjoni reġjonali proattiva għall-espansjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri mill-Ark tal-Atlantiku, mill-Mediterran u mill-Baħar l-Iswed ħabbru wkoll livell għoli ta' ambizzjonijiet politiċi u jaħdmu mal-ġirien tal-UE f'dawn ir-reġjuni. Barra minn hekk, l-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni interreġjonali kienu appoġġati mill-politika ta' koeżjoni permezz ta' proġetti pilota bħall-Intergrid tal-Baltiku[10].

Sabiex tikkomplementa l-kooperazzjoni reġjonali fl-ambitu tal-qafas tat-TEN-E, id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli tinkludi dispożizzjonijiet li jappoġġaw il-kooperazzjoni u l-varar tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Dan jirrikjedi li l-Istati Membri jaqblu li jistabbilixxu qafas għall-kooperazzjoni dwar proġetti konġunti ma' Stat Membru wieħed jew aktar biex jipproduċu enerġija rinnovabbli. Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar il-volumi lil hinn mill-kosta li qed jippjanaw li jiksbu permezz ta' offerti, abbażi ta' għanijiet indikattivi għall-ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandhom jiġu varati f'kull baċir tal-baħar identifikat f'konformità mar-Regolament TEN-E. Il-koordinazzjoni ta' tali ppjanar tas-sejħiet għall-offerti għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-livell reġjonali diġà bdiet tiġi diskussa f'xi formazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari fil-

---

[8] Il-proġett tal-grilja ibrida "Kriegers Flak - Soluzzjoni ta' Grilja Kombinata" huwa eżempju ta' kif jistgħu jitnaqqsu l-lakuni fil-grilja interkonnessa Ewropea u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' suq tal-enerġija uniku Ewropew filwaqt li tiġi ffaċilitata l-inkorporazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-proġett kien Proġett ta' Interess Ewropew Komuni (PCI) u bbenefika mir-Regolament TEN-E.

[9] Il-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC), il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Interkonnessjonijiet għall-Ewropa tal-Lbiċ, il-pjan ta' interkonnessjoni tas-suq tal-enerġija tal-Baltiku (BEMIP), il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), għal aktar informazzjoni: https://energy.ec.europa.eu/topics/infrastructure/high-level-groups_mt

[10] Integrated Baltic offshore wind electricity grid development - Interreg Baltic Sea Region (interreg-baltic.eu)

grupp ta' Livell Għoli tal-NSEC. Id-Direttiva tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jallokaw l-ispazju għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-pjanijiet spazjali marittimi tagħhom, meta jitqiesu l-attivitajiet li diġà qed isiru u li huma ppjanati fiż-żoni affettwati.

Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni Ewropea għall-kooperazzjoni tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (ENTSO-E) mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) jikkollaboraw fuq l-iżvilupp ta' **Pjanijiet ta' Żvilupp tan-Network lil Hinn mill-Kosta (ONDP)**, li se jipprovdu gwida strateġika ulterjuri għall-Istati Membri u għall-investituri potenzjali billi jimmappjaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura. Abbażi tal-ftehimiet mhux vinkolanti tal-Istati Membri, se jiġu żviluppati ONDPs għal kull baċir tal-baħar li jipprovdu perspettiva ta' livell għoli dwar il-potenzjal tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta u l-ħtiġijiet tal-grilja lil hinn mill-kosta li jirriżultaw, inkluż għal terminu twil sal-2050. Se jiġu inklużi l-ħtiġijiet potenzjali għall-interkonnetturi, għall-proġetti ibridi, għall-konnessjonijiet radjali, għar-rinfurzar u għall-infrastruttura tal-idroġenu. L-ONDPs se jqisu wkoll il-protezzjoni tal-ambjent u użi oħra tal-baħar.

Parti sostanzjali tal-elettriku ġġenerat minn dawn il-parks eoliċi tista' fil-fatt tgħaddi lejn pajjiżi oħra, inkluż dawk mingħajr kosta. Il-benefiċċji li huma aktar mifruxa madwar ir-reġjuni jfissru li l-pajjiżi ospitanti jista' jkollhom inċentivi aktar limitati biex ivaraw il-potenzjal ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta kollha tagħhom jekk ma jintużawx mekkaniżmi ta' kooperazzjoni xierqa, kemm fl-infrastruttura kif ukoll fil-partijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, jista' jkun diffiċli biex jiġi ġġustifikat li dawk li jħallsu t-tariffi u l-kontribwenti tal-pajjiżi ospitanti jkopru l-piż kollu, meta fil-fatt xi wħud mill-benefiċċji jmorru xi mkien ieħor. Il-Kummissjoni bħalissa qed twettaq valutazzjoni li se tidentifika l-ħtiġijiet u l-kumplessitajiet ta' **kondiviżjoni effettiva u prammatika tal-kostijiet u tal-benefiċċji** li tippermetti li jintlaħqu l-ambizzjonijiet kollha marbuta mal-enerġija lil hinn mill-kosta. L-istudju għandu l-għan li jinfluwenza d-dokumenti ta' gwida futuri fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għal proġetti infrastrutturali kemm fil-livell tal-baċir tal-baħar kif ukoll fil-livell tal-proġett.

Bl-implimentazzjoni li għaddejja tar-Regolament TEN-E, il-Kummissjoni qed tindirizza l-isfidi relatati mal-grilja. Madankollu, għad fadal diversi sfidi, bħall-ħtieġa li jiġi promoss **investiment antiċipatorju** fil-grilji u li jiġu solvuti **kwistjonijiet ta' kondiviżjoni tal-kostijiet** fir-rigward tal-grilji lil hinn mill-kosta, il-gżejjer tal-enerġija u ċ-ċentri lil hinn mill-kosta, kif ukoll il-grilji meħtieġa biex jiġu integrati l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Fir-rigward tal-**qafas regolatorju**, l-azzjonijiet kollha ppreżentati fl-istrateġija jitlestew ladarba jiġu adottati l-proposti għad-**Disinn tas-Suq tal-Elettriku (EMD)**. Il-proposta tal-EMD tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi promoss l-użu ta' Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs) kif ukoll Kuntratti għad-Differenza (CfD). Iż-żewġ strumenti għandhom l-għan li jħeġġu t-tnaqqis tar-riskju tal-prezzijiet u l-istimulazzjoni tal-investimenti, u b'hekk jagħtu prevedibbiltà fejn jidħlu l-prezzijiet. Lil hinn mill-prezz, l-EMD jagħti tweġiba għal sfida oħra ta' rilevanza partikolari għal xi proġetti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta f'żona tal-offerti lil hinn mill-kosta – ir-riskju li potenzjalment ma jkollhomx aċċess għas-suq għall-interkonnettur ibridu li miegħu jkunu konnessi minħabba restrizzjonijiet fil-grilja fuq l-art. L-EMD tipproponi tali riskju ta' volum permezz ta' kumpens finanzjarju xieraq għal "garanzija ta' aċċess għat-trażmissjoni".

Barra minn hekk, l-EMD tirrikonoxxi l-importanza ta' investimenti antiċipatorji u tirrikjedi metodoloġiji tariffarji biex jipprovdu inċentivi xierqa għal investimenti antiċipatorji u soluzzjonijiet tat-TOTEX[11], kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Awtoritajiet Regolatorji. Għalhekk, għaċ-ċertezza tal-investitur, hemm komplementarjetà bejn l-EMD u l-ħidma kontinwa fuq l-investiment antiċipatorju u l-kondiviżjoni tal-kostijiet imsemmija hawn fuq.

Impenn ieħor fl-istrateġija kien li tinbeda l-ħidma fuq l-emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett (Kodiċi tan-Network HVDC) biex jiġi żgurat li dan ikun adegwat għall-użu ta' żviluppi futuri fin-networks lil hinn mill-kosta. Din il-ħidma għaddejja sew permezz tal-Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati mill-Elettriku[12].

Filwaqt li tibni fuq dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tiffoka fuq dan li ġej:

- Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSO) rilevanti, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRA), se tippubblika **gwida għal analiżi speċifika tal-kostijiet u l-benefiċċji u l-kondiviżjoni tal-kostijiet** b'żewġ perspettivi: l-ewwel nett, fil-livell tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network lil hinn mill-kosta għal kull baċir tal-baħar, bil-għan li jiġu pprovduti l-prinċipji li jistgħu jgħinu lill-ENTSO-E ttejjeb l-edizzjonijiet futuri tal-pjanijiet; u, it-tieni, fil-livell tal-proġett, meta jitqiesu kemm l-enerġija rinnovabbli kif ukoll l-infrastruttura għal proġetti transfruntieri tal-grilja lil hinn mill-kosta. Din se tkun ibbażata fuq skambji estensivi mal-Istati Membri, inkluż fil-livell politiku, u tappoġġa lill-awtoritajiet u lill-promoturi fid-diskussjonijiet tagħhom dwar proġetti transfruntieri potenzjali ġodda u b'hekk tippromwovi l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

- Fl-implimentazzjoni tar-Regolament TEN-E rivedut u tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, il-Kummissjoni se tfittex li żżid l-attraenza tal-ibridi lil hinn mill-kosta u tal-proġetti konġunti aktar milli l-proġetti nazzjonali. Minbarra l-ONDPs u l-gwida dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, il-Kummissjoni qed taħdem mal-koleġiżlaturi biex tħaffef l-adozzjoni tal-EMD għal qafas regolatorju mtejjeb. Wara l-konklużjonijiet mill-Forum tal-2023 ta' Copenhagen dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija[13], il-Kummissjoni se tindirizza wkoll l-investimenti antiċipatorji, billi torganizza sessjoni ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u, jekk xieraq, tiżviluppa gwida.

[11] Nefqa totali (TOTEX) li tinkludi nefqa kapitali (CAPEX) u nefqa operazzjonali (OPEX)

[12] Ir-rapport tal-Fażi 1 tas-CROS disponibbli hawnhekk: https://www.entsoe.eu/network_codes/cnc/expert-groups

[13] https://energy.ec.europa.eu/document/download/b74bef91-5434-4928-ae6e-36c9ae0b77c5_en?filename=Conclusions%209th%20EIF_13%20June%20FINAL.pdf

- Filwaqt li tibni fuq il-punti b'saħħithom u l-kisbiet, il-Kummissjoni se tkompli tuża l-Gruppi ta' Livell Għoli għall-**kooperazzjoni u l-koordinazzjoni aħjar għall-varar aċċellerat**, filwaqt li tqis l-argumenti għall-vijabbiltà tal-assi u l-atturi differenti lil hinn mill-kosta (TSOs, żviluppaturi tal-RES tal-NRAs, Stati Membri), tiffaċilita l-istabbiliment ta' żoni tal-offerti lil hinn mill-kosta u timmitiga r-riskji addizzjonali li jistgħu jinvolvu proġetti ibridi lil hinn mill-kosta.

- Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll aktar koordinazzjoni tal-**ippjanar bil-quddiem tal-Istati Membri għall-pubblikazzjoni tal-irkantijiet għall-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta** permezz tal-Gruppi ta' Livell Għoli li għandhom jinkludu l-pubblikazzjoni regolari tal-iskedi tal-irkantijiet. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll aktar skambji dwar il-konverġenza tal-kriterji tal-irkant. Dan għandu b'mod partikolari jiffaċilita t-twettiq ta' proġetti konġunti u ibridi. Disinn imtejjeb tal-irkantijiet huwa wkoll element ewlieni fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija mir-Riħ.

### 3.2. L-aċċellerazzjoni tal-ħruġ tal-permessi

Bil-livelli ta' ambizzjoni deskritti fil-Kapitolu 2, il-pass kurrenti tal-varar tal-proġetti se jkollu jitħaffef b'mod sinifikanti.

Il-**proġetti tal-infrastruttura tal-grilja lil hinn mill-kosta** spiss ikunu soġġetti għal proċeduri twal għall-ħruġ tal-permessi fid-dawl tad-distanza li jkopru u n-natura transfruntiera tagħhom. Dan min-naħa tiegħu jaffettwa l-varar mgħaġġel tal-grilji meħtieġa biex tiġi żgurata l-elettrifikazzjoni tal-UE. Ir-Regolament TEN-E rivedut fih dispożizzjonijiet addizzjonali li għandhom l-għan li jaċċelleraw il-proċess tal-ħruġ tal-permessi, bħall-ħolqien ta' **punt uniku ta' kuntatt** għal proġetti ta' interess komuni lil hinn mill-kosta. Dan jistabbilixxi wkoll qafas li jrawwem aċċettazzjoni pubblika mtejba permezz ta' parteċipazzjoni pubblika f'waqtha u inklużiva. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCPs) biex tippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jinkisbu proċeduri effiċjenti għall-ħruġ tal-permessi madwar l-Istati Membri kollha. Tali diskussjonijiet u kooperazzjoni qed isiru fi pjattaforma apposta kif ukoll fil-gruppi reġjonali tar-Regolament TEN-E.

Id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli tinkludi dispożizzjonijiet li **jissimplifikaw u jaċċelleraw l-għoti tal-permessi** għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll għall-proġetti infrastrutturali meħtieġa biex jintegraw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali fis-sistema tal-elettriku. Dan jitlob il-ħolqien ta' "żona għat-tħaffif tal-enerġija rinnovabbli" (RAA) speċifiċi fejn l-għoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli jista' jsir malajr, b'bilanċ ma' kunsiderazzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u tal-bijodiversità. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw ukoll żoni infrastrutturali apposta simili għall-grilji u għall-ħżin meħtieġa biex is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu integrati fis-sistema. Il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, meta meħtieġ, ġew inklużi fl-iskadenzi għall-proċess għall-għoti tal-permessi fil-każ ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u, filwaqt li ġiet rikonoxxuta l-kumplessità ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-iskadenzi għal dawn il-proġetti huma sena itwal milli għal proġetti fuq l-art. Il-Laboratorju tal-Industrija tal-Enerġija u l-Ġeografija (EIGL) żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea jipprovdi firxa wiesgħa ta' settijiet ta' *data*

rilevanti u jista' jappoġġa lill-Istati Membri fis-simplifikazzjoni tal-identifikazzjoni tal-RAA tagħhom[14].

Minbarra l-miżuri leġiżlattivi, il-gwida li takkumpanja r-Rakkomandazzjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi, adottata bħala parti mill-Pjan REPowerEU fit-18 ta' Mejju 2022, tinkludi eżempji ta' prattika tajba li jistgħu jappoġġaw il-varar tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, bħall-użu multiplu ta' valutazzjonijiet minn qabel tal-ispazju u ambjentali ta' siti eoliċi lil hinn mill-kosta. Bħala segwitu għar-Rakkomandazzjoni[15] u l-gwida[16], ġie stabbilit grupp informali ta' esperti tal-Kummissjoni, li jikkonsisti minn esperti tal-Istati Membri. Il-grupp ta' esperti se jiddiskuti l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u jiskambja prattiki tajbin dwar diversi suġġetti, inkluża l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Barra minn hekk, l-Azzjoni Miftiehma dwar id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (CA RES) hija inizjattiva konġunta bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea. L-objettiv tagħha huwa li tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-esperjenzi nazzjonali biex tappoġġa t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-RED, inkluż fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza adottati jinkludu wkoll riformi li għandhom l-għan li jtejbu r-reġim regolatorju għall-varar tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa wkoll lill-Istati Membri tal-UE permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku b'għarfien espert imfassal apposta għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tar-riformi[17].

Filwaqt li tibni fuq dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tiffoka fuq dan li ġej:

- Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet biex taċċellera l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi permezz tas-CA RES skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u tappoġġa l-ħidma u l-iskambji tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti[18] responsabbli għall-ħruġ tal-permessi skont ir-Regolament TEN-E, inkluż permezz tal-għoti ta' assistenza teknika lil grupp ta' Stati Membri. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni tal-ħruġ tal-permessi għall-grilji kollha meħtieġa biex tiġi integrata l-enerġija rinnovabbli li timmobilizza t-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET) kif meħtieġ.

[14] https://energy-industry-geolab.jrc.ec.europa.eu/

[15] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=PI_COM%3AC%282022%293219&qid=1653033569832

[16] https://energy.ec.europa.eu/publications/speeding-permit-granting-and-ppas-swd2022149151_mt

[17] https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/technical-support-instrument/technical-support-instrument-tsi_mt

[18] Fl-2021, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) qablu li jistabbilixxu forum apposta għall-kooperazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni appoġġat l-inizjattiva tal-NCAs li tappoġġa l-koordinazzjoni tal-laqgħat regolari tagħhom u l-isforzi tagħhom biex jidentifikaw l-aħjar prattiki u opportunitajiet għall-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi.

### 3.3. L-iżgurar tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu integrat

L-ippjanar tal-ispazju marittimu (MSP) huwa għodda meħtieġa biex jiġi allokat l-ispazju tal-baħar għal użi differenti tal-baħar permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema u biex jiġu żgurati l-koeżistenza u l-preżervazzjoni tal-ekosistemi, il-Kummissjoni stabbiliet Pjattaforma tal-MSP tal-UE għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenzi, gwida mħejjija dwar il-ġestjoni tat-tensjonijiet mas-setturi f'kompetizzjoni mal-ORE u ħarġet l-aħjar prattika għal użi multipli tal-kooperazzjoni spazjali u transfruntiera. Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-ippjanar spazjali marittimu nazzjonali billi tidentifika tensjonijiet potenzjali, tipprovdi gwida, tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera u tappoġġa l-proġetti f'dawn iż-żoni. Dawn l-isforzi jinkludu appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali bl-implimentazzjoni tad-Direttiva MSP[19]**,** inkluż għal żviluppi tal-ORE.

L-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se jkollu jiżgura l-koeżistenza ma' attivitajiet u użi umani oħra fuq il-baħar filwaqt li jissalvagwardja l-ilħuq tal-objettivi ta' protezzjoni u restawr tal-ambjent u tan-natura, kif ukoll is-sikurezza tan-navigazzjoni fuq il-baħar. F'Mejju 2023, il-Kummissjoni nediet il-**Forum Blu Ewropew** għall-utenti tal-baħar biex tiffaċilita djalogu f'approċċ miftuħ u prospettiv bejn ix-xjenza u l-partijiet ikkonċernati involuti fil-protezzjoni tal-baħar, fl-enerġija, fl-industrija marittima u fit-trasport, fis-sajd u fl-akkwakultura, fit-turiżmu u fis-saħħa. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sajd, il-Kummissjoni taħdem bis-sħiħ mal-kunsilli konsultattivi settorjali u reġjonali biex tiffaċilita l-iskambji ta' għarfien u djalogu.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri adottaw il-pjanijiet spazjali marittimi tagħhom u identifikaw u allokaw spazju għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. 17 minn 22 Stat Membru kostali għandhom pjan kif meħtieġ mid-**Direttiva MSP**. Qed jiġu riveduti diversi pjanijiet biex jakkomodaw ambizzjoni akbar għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta kif ukoll miri ta' protezzjoni tan-natura u ta' restawr skont l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. Il-Kummissjoni tistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-MSPs tagħhom bħala ppjanar strateġiku u integrat biex iwettqu l-obbligu legali tagħhom u biex iwarrbu l-ispazju għall-enerġija f'koordinazzjoni ma' attivitajiet ekonomiċi oħra, inkluż is-sajd, flimkien ma' approċċ ta' tfassil, f'konformità mal-NECPs nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima.

**Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina tal-UE** (MSFD)[20] ġiet stabbilita biex tipproteġi l-ekosistema tal-baħar u l-bijodiversità li jiddependu fuqhom l-attivitajiet ekonomiċi u soċjali tagħna relatati mas-saħħa u mal-baħar. Din id-Direttiva tirrikjedi l-kisba ta' status ambjentali tajjeb tal-ibħra tal-UE, u b'hekk tiżgura li l-ambjent tal-baħar ikun nadif, b'saħħtu u produttiv, filwaqt li tippermetti l-użu sostenibbli ta' prodotti u servizzi tal-baħar mill-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. B'mod partikolari, id-Direttiva titlob li jiġu indirizzati l-impatti kumulattivi tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-istat tal-ambjent tal-baħar, bħala parti mill-approċċ tagħha bbażat fuq l-ekosistema, billi jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-valuri ta' limitu għal status ambjentali tajjeb.

[19] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014L0089

[20] https://environment.ec.europa.eu/topics/marine-and-coastal-environment_en

Skont il-**Konvenzjoni OSPAR** għall-protezzjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar tal-Atlantiku tal-Grigal[21], grupp tekniku ddedikat għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta qed jesplora permezz ta' studji l-impatti tal-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta fuq l-ambjent tal-baħar u l-bijodiversità. Qed isseħħ kooperazzjoni simili taħt il-**Konvenzjoni HELCOM**, grupp ta' ħidma konġunt kopresedut mill-HELCOM u l-Viżjoni u l-Istrateġiji għall-grupp tal-Baħar Baltiku (VASAB) għandu l-għan li jiżgura l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għal proċessi ta' Ppjanar Spazjali Marittimu Reġjonali (MSP) koerenti fil-Baħar Baltiku. Filwaqt li l-isforzi fir-riċerka jikkonċentraw fuq oqsma u speċijiet speċifiċi, li jikkorrispondu għal-livell kurrenti ta' varar ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, hemm bżonn ta' finanzjament kontinwu għar-riċerka u għall-innovazzjoni biex jiġu indirizzati l-impatti kumulattivi. Dan ġie enfasizzat ukoll f'Rapport Speċjali reċenti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[22].

Filwaqt li tibni fuq dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tiffoka fuq dan li ġej:

- Meta l-MSPs jiġu allinjati mal-miri ġenerali tal-ORE u mal-ambizzjonijiet tal-baċiri tal-baħar akbar, il-Kummissjoni se tesplora mal-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet reġjonali modi kif wieħed jista' jgħaddi minn MSPs purament nazzjonali b'konsultazzjonijiet transfruntieri għall-ippjanar reġjonali tal-MSP fil-baċiri tal-baħar rispettivi, filwaqt li tiżgura li jiġi allokat biżżejjed spazju tal-baħar biex jippermetti tali ambizzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Dan għandu jkun kompatibbli ma' attivitajiet ekonomiċi oħra tal-baħar kif ukoll mal-objettivi ambjentali u mal-miri għall-protezzjoni u għall-irpiljar tan-natura fuq il-baħar. Kif enfasizzat fl-istrateġija, il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll ir-reġjuni kostali, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, u l-gżejjer biex jisfruttaw il-potenzjal kbir tagħhom ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

- Filwaqt li tibni fuq il-qafas ġuridiku eżistenti u fuq strumenti ta' finanzjament bħal Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni se tikkomplementa l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri f'termini ta' identifikazzjoni, stima u indirizzar tal-effetti li l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għandhom fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità, inklużi l-effetti kumulattivi fil-livell tal-baċir tal-baħar[23].

- Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri fl-istabbiliment tar-rabtiet meħtieġa bejn l-iżviluppi tal-ORE, l-MSP u l-istrateġiji tal-baħar żviluppati fl-ambitu tal-MSFD biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet rinnovabbli lil hinn mill-kosta u status ambjentali tajjeb permezz ta' fora xierqa bħall-Inizjattiva tal-Baċir tat-Tramuntana l-Kbir (GNSBI),

- Permezz ta' laqgħat tal-gruppi ta' esperti, kooperazzjoni reġjonali u appoġġ għal proġetti apposta, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tinkludi oqsma

[21] https://www.ospar.org/site/assets/files/1169/ospar_convention.pdf

[22] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Rapport Speċjali 22/2023: "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE – Pjanijiet ambizzjużi għat-tkabbir, iżda s-sostenibbiltà tibqa' sfida"

[23] Dan huwa konformi mar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE.

għal użu multiplu meta tirrevedi l-MSPs nazzjonali. Dan jiffaċilita l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u l-koeżistenza ta' żviluppi lil hinn mill-kosta inklużi l-grilji.

### 3.4. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura

Il-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna u s-sabotaġġ tal-pipeline tal-gass tan-Nord Stream juru l-importanza li jkun hemm infrastruttura reżiljenti kemm għas-settur tad-difiża kif ukoll għal dak tal-enerġija. F'Marzu 2023, il-Kummissjoni u s-SEAE adottaw **Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea** (EUMSS ([24]) u Pjan ta' Azzjoni. F'Ottubru 2023, il-Kunsill huwa mistenni japprova strateġija riveduta tal-UE għas-sigurtà marittima. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tagħha ġew aġġornati biex jindirizzaw, fost kwistjonijiet oħra, it-theddidiet kontra l-infrastruttura marittima kritika. L-istrateġija riveduta tinkludi varjetà ta' azzjonijiet li se jtejbu s-sorveljanza, il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura bħall-pipelines tal-enerġija, il-kejbils tad-*data* u tal-elettriku, il-parks eoliċi, il-portijiet, eċċ. minn attakki konvenzjonali, ibridi u ċibernetiċi. L-istrateġija tindirizza wkoll l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-koeżistenza bejn proġetti tal-ORE u attivitajiet ta' difiża. Il-proġett Symbiosis se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' tali soluzzjonijiet.

F'Jannar 2023, daħlu fis-seħħ id-**Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi**[25] (id-Direttiva CER) u d-**Direttiva dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni** (id-Direttiva NIS2), li ppreżentaw regoli ġodda biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. F'Jannar ukoll, il-President von der Leyen ħabbret, flimkien mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Stoltenberg, task force dwar infrastruttura reżiljenti, li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab ewlenin tagħna. Ir-Rapport ta' Valutazzjoni Finali tat-Task Force ġie ppubblikat f'Ġunju 2023[26]. F'Diċembru 2022, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. Prijorità ewlenija f'dan l-aspett hija t-twettiq ta' testijiet tal-istress, bis-settur tal-enerġija bħala bidu. Ir-rwol tal-Istati Membri huwa kruċjali, u l-kooperazzjoni dwar din il-kwistjoni importanti hija essenzjali. F'Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti[27]. Sabiex tissaħħaħ b'suċċess it-tħejjija tagħna, huwa vitali li l-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni, anke fuq bażi kunfidenzjali, kif xieraq.

F'konformità mal-istrateġija, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża stabbilew proġett konġunt imsejjaħ **Symbiosis**[28] appoġġat minn Orizzont Ewropa b'EUR 2 miljun. Il-proġett se jidentifika u se jindirizza l-ostakli għall-iżviluppi tal-enerġija

---

[24] https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/ocean/blue-economy/other-sectors/maritime-security-strategy_en

[25] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164)

[26] EU-NATO_Final Assessment Report Digital.pdf (europa.eu)

[27] COM(2023) 526 final

[28] https://eda.europa.eu/docs/default-source/brochures/eda-symbiosis_factsheet---v4.pdf

rinnovabbli lil hinn mill-kosta f'oqsma użati jew riżervati għal attivitajiet u għal skopijiet militari preżenti u futuri. Il-proġett beda f'Ottubru 2022 u se jibqa' għaddej sal-31 ta' Marzu 2025.

Filwaqt li titqies il-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-preżenza ta' bastimenti Russi madwar l-infrastruttura marittima fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana, kif ukoll l-attakki fuq il-pipelines tan-Nord Stream 2, l-UE qed tagħmel aktar enfasi fuq is-sigurtà marittima u fuq ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika fuq il-baħar. L-iżgurar ta' koeżistenza effettiva bejn l-infrastruttura tal-enerġija u tad-difiża fuq il-baħar se jkun prijorità. Il-Kummissjoni se:

- Tfittex li ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet reġjonali u l-livelli ta' theddid.

- Iżżid il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti, biex tiżviluppa pjanijiet ta' sorveljanza reġjonali għall-infrastruttura lil hinn mill-kosta.

- Tiżviluppa kooperazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fid-dominju tal-enerġija lil hinn mill-kosta ma' pajjiżi mhux tal-UE li jaħsbuha bl-istess mod fil-livell bilaterali u multilaterali fil-kuntest ta' pereżempju djalogi ċibernetiċi.

### 3.5. Riċerka u innovazzjoni li jappoġġaw l-enerġija lil hinn mill-kosta

Ir-riċerka u l-innovazzjoni kienu essenzjali biex jagħmlu lill-UE mexxejja f'ċerti teknoloġiji lil hinn mill-kosta, bħall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta[29]. Sforz sostnut fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa fundamentali biex tinżamm din it-tmexxija. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE għadhom għaddejjin fuq diversi teknoloġiji emerġenti oħra li huma rilevanti għas-settur tal-enerġija lil hinn mill-kosta, bħall-installazzjonijiet fotovoltajċi f'wiċċ l-ilma, l-algi bħala sors ta' bijofjuwils sostenibbli u sistemi tal-idroġenu lil hinn mill-kosta. Peress li xi teknoloġiji bħat-turbini eoliċi fissi mal-qiegħ laħqu livell għoli ta' tħejjija teknoloġika, hemm bżonn ta' innovazzjoni fil-proċessi ta' produzzjoni bil-għan li jkun hemm tkabbir, filwaqt li hemm bżonn li jkomplu jiġu esplorati kunċetti ġodda li se jieħdu aktar żmien biex jiġu industrijalizzati u standardizzati.

It-teknoloġija tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'wiċċ l-ilma hija prijorità peress li din it-teknoloġija hija meħtieġa biex jiġi sfruttat il-potenzjal f'ilmijiet aktar fondi, bħall-baħar tal-Atlantiku u tal-Mediterran. Jiġu żviluppati prototipi u dimostraturi biex jittestjaw u jtejbu l-prestazzjoni u jnaqqsu l-kostijiet. Anke jekk ħafna teknoloġiji eoliċi differenti f'wiċċ l-ilma qed jagħmlu progress, sa issa l-ebda kunċett ma pprevala fuq oħrajn. Madankollu, is-soluzzjonijiet differenti huma f'livelli differenti ta' tħejjija teknoloġika, b'xi wħud minnhom eqreb għall-varar fis-suq. L-Irlanda, il-Portugall, Spanja, l-Italja, Malta u l-Greċja identifikaw siti potenzjali għal żviluppi tal-enerġija mir-

[29] JRC, Clean Energy Technology Observatory: Wind energy in the European Union - 2023 Status Report on Technology Development Trends, Value Chains and Markets

riħ f'wiċċ l-ilma, u Franza qed torganizza l-ewwel offerta tagħha għal park tal-enerġija mir-riħ kummerċjali f'wiċċ l-ilma.

Mit-tnedija tal-Istrateġija lil Hinn mill-Kosta, l-UE għamlet progress tajjeb fl-iżvilupp tal-enerġija mill-oċeani[30]. Dan inkiseb b'mod partikolari bil-finanzjament tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni. Madankollu, hemm bżonn ta' progress f'ħafna oqsma bħad-disinn u l-validazzjoni ta' apparati tal-enerġija mill-oċeani, il-loġistika u l-operazzjonijiet tal-baħar. Id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli għandha mira indikattiva li sal-2030 mill-inqas 5 % tal-installazzjonijiet il-ġodda kollha jiġu minn sorsi rinnovabbli innovattivi, bħat-teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani. Għalhekk, il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu politiki mmirati biex jappoġġaw il-varar ta' teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani fil-Pjanijiet Nazzjonali riveduti għall-Enerġija u l-Klima (NECPs).

Il-Kummissjoni stabbiliet sit web apposta li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-programmi ta' finanzjament tal-UE rilevanti għall-finanzjament ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta[31], inkluż iżda mhux limitat għar-riċerka u għall-innovazzjoni. Kif turi din il-ħarsa ġenerali, matul il-perjodu 2009-2022, it-teknoloġiji lil hinn mill-kosta rċevew l-akbar sehem ta' finanzjament tal-UE fil-prijoritajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni marbuta mal-enerġija mir-riħ.

Diversi proġetti fl-ambitu ta' **Orizzont Ewropa** (HE), speċjalment fl-ambitu tal-Pilastru 2 dwar il-Klima, l-Enerġija u l-Mobilità tar-Raggruppament 5, appoġġaw is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Pereżempju, il-proġett InterOPERA huwa l-proġett ewlieni tal-UE għall-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn it-TSOs, il-manifatturi u l-iżviluppaturi tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta biex jinbeda proġett ta' dimostrazzjoni tal-grilja ta' Kurrent Dirett b'Vultaġġ Għoli (HVDC) fuq skala kbira. Proġetti oħra appoġġaw l-iżvilupp ta' disinni ġodda tat-teknoloġija tal-enerġija mir-riħ, tal-enerġija mill-oċeani u tat-teknoloġija solari f'wiċċ l-ilma, kif ukoll l-integrazzjoni sistematika tal-prinċipju taċ-"ċirkolarità skont id-disinn" fir-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.  Il-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna" nediet diversi proġetti ta' riċerka biex tmexxi 'l quddiem l-għarfien għall-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta.

Il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali** appoġġa wkoll għadd ta' proġetti biex jiġu appoġġati s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inkluż, pereżempju, l-iżvilupp ta' kejbils innovattivi b'vultaġġ għoli u bi prestazzjoni aħjar u l-ħolqien ta' Ċentru għall-Innovazzjoni dwar l-Enerġija mir-Riħ lil Hinn mill-Kosta f'Eemshaven (NL)[32]. **Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** qed tiffinanzja l-varar ta' kapaċitajiet ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (1 500 MW), ta' enerġija mir-riħ u solari f'wiċċ l-ilma (100 MW) u l-varar ta' proġetti pilota fl-enerġija tal-baħar. Din tiffinanzja wkoll il-

[30] JRC, Clean Energy Technology Development and Outlook – Rapport tal-2023

[31] Ħarsa ġenerali lejn il-finanzjament tal-UE għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta: https://energy.ec.europa.eu/topics/renewable-energy/financing/eu-funding-offshore-renewables_en

[32] Aktar informazzjoni dwar dawn il-proġetti u proġetti oħra dwar l-enerġija mir-riħ appoġġati mill-Politika ta' Koeżjoni tista' tinstab fuq https://kohesio.ec.europa.eu/en/projects

kostruzzjoni ta' gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta, pjattaformi tal-enerġija lil hinn mill-kosta u infrastrutturi tal-portijiet li jservu ż-żamma ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta.

**Il-Fond għall-Innovazzjoni** ħa passi biex jakkomoda proġetti rivoluzzjonarji, bħat-teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani, u reċentement għażel żewġ proġetti tal-oċeani għall-għotja taħt is-suġġett *proġetti pilota ta' daqs medju*. Proġett minnhom jintegra diversi sorsi tal-enerġija, inkluża l-enerġija mill-mewġ u l-enerġija mir-riħ, kif ukoll sistema sħiħa tal-idroġenu (elettrolizzatur, ċelloli tal-ħżin u tal-fjuwil). Il-Fond għall-Innovazzjoni għandu wkoll suġġett ta' manifattura li jkopri teknoloġiji innovattivi għall-manifattura tat-teknoloġija nadifa. Dan jinkludi komponenti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Is-sejħa li jmiss se jkollha daqs ta' EUR 4 biljun u tipprovdi għal proġetti ta' kull daqs.

Fl-ambitu tal-**Programm InvestEU**, li qed jappoġġa wkoll investimenti privati f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, sa issa ġew approvati aktar minn EUR 1 biljun ta' self għal proġetti lil hinn mill-kosta. Pereżempju, dan l-aħħar, il-BEI ffirma ftehim għall-kofinanzjament tal-kostruzzjoni tal-ewwel park eoliku lil hinn mill-kosta fil-Polonja — wieħed mill-akbar fid-dinja — b'self sa EUR 610 miljun, li EUR 350 miljun minnhom huma appoġġati mill-programm InvestEU[33].

Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-pajjiżi tal-**Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET)** biex **tirrieżamina l-miri tal-Pjan SET** dwar l-enerġija mill-oċeani u l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, l-aġendi ta' implimentazzjoni tagħhom u biex tniedi grupp ta' ħidma addizzjonali tal-Pjan SET dwar l-HVDC. Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa l-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (ETIP) dwar l-enerġija mir-riħ biex tirrevedi l-Aġenda Strateġika tagħhom ta' Riċerka u Innovazzjoni u tippubblikaha sa tmiem l-2023 u se tappoġġa l-ETIP dwar l-enerġija mill-oċeani biex tirrevedi l-Aġenda Strateġika tagħhom ta' Riċerka u Innovazzjoni u tippubblikaha fir-rebbiegħa tal-2024.

- Fl-2024, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan SET imġedded, u meta jitqiesu l-aktar prijoritajiet politiċi reċenti, jiġu vvalutati mill-ġdid u possibbilment riveduti l-miri tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan SET dwar l-enerġija mir-riħ, u tiġi promossa rappreżentazzjoni aktar b'saħħitha tal-pajjiżi f'dan il-grupp.

- Fl-2024, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan SET imġedded, tingħata attenzjoni speċjali lill-manifattura, liċ-ċirkolarità, lill-materjali, lill-ħiliet u lill-ħtiġijiet tas-soċjetà bil-għan li titmexxa 'l quddiem il-kompetittività tas-settur tal-enerġija nadifa, inklużi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

---

[33] https://www.eib.org/en/press/all/2023-341-poland-investeu-eib-supports-one-of-the-world-s-largest-wind-farms-with-eur610-million-in-financing#:~:text=The%20European%20Investment%20Bank%20(EIB,by%20the%20LLC%20Baltic%20Power

Matul is-snin li ġejjin, l-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni identifikati fl-istrateġija se jitkomplew u se jittejbu, prinċipalment permezz ta' **Orizzont Ewropa u l-programmi ta' ħidma tiegħu** u, meta rilevanti, sejħiet għal proposti apposta. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se:

- Tkompli tiffoka fuq iċ-*ċirkolarità* bħala prijorità minħabba li s-soluzzjonijiet ċirkolari jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività tas-settur, inaqqsu r-riskju ta' tfixkil fil-provvista tal-materja prima u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali u ta' sostenibbiltà tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

- Fl-2024, tniedi serje ta' proġetti ffokati fuq materjali avvanzati għall-kalamiti, b'attenzjoni speċjali għall-kalamiti permanenti għat-turbini eoliċi. Dawn il-proġetti se jikkontribwixxu biex jissostitwixxu l-materjali kritiċi fit-turbini eoliċi biex titnaqqas id-dipendenza materjali.

- Fl-2024, tniedi azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni biex *tnaqqas l-impatt ambjentali u tottimizza l-impatti soċjoekonomiċi tal-parks eoliċi* lil hinn mill-kosta. L-indirizzar tal-effetti kumulattivi li attivitajiet tal-bniedem differenti u parks tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta multipli għandhom fuq l-ekosistemi fil-livell tal-baċir tal-baħar jirrikjedi attenzjoni partikolari.

- Tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-*produttività u l-effiċjenza industrijali* tul il-katina tal-valur tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Dan jinvolvi teknoloġiji tal-manifattura mtejba, inklużi *teknoloġiji diġitali*, bħall-apparati tal-Internet tal-Oġġetti. Objettiv importanti huwa li tinbena skala u jitnaqqas il-kost. Fl-2024, il-Kummissjoni se tniedi azzjoni ta' innovazzjoni biex turi l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'wiċċ l-ilma.

- Taħdem mal-Istati Membri u mar-reġjuni, inklużi l-gżejjer, biex tagħmel użu mill-fondi disponibbli b'mod koordinat għat-*teknoloġiji tal-enerġija mill-oċeani* biex tinkiseb kapaċità totali ta' 100 MW madwar l-UE sal-2027 u madwar 1 GW sal-2030[34]. Tnedew suġġetti li jinkludu parks tal-mareat u tal-mewġ li jitolbu sinerġiji ma' programmi nazzjonali ta' finanzjament reġjonali.

- Esplorar tal-*akkwist innovattiv* bħala mekkaniżmu biex jitneħħa r-riskju għall-iżvilupp tat-teknoloġija u jinżamm ir-rwol mexxej teknoloġiku Ewropew tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li inizjattivi eżistenti tal-Kummissjoni Ewropea jiġu żviluppati ulterjorment[35].

---

[34] Dan l-aħħar, iż-żminijiet itwal meħtieġa għall-proġetti għamlu l-2027 perjodu ta' żmien aktar realistiku mill-2025 li ġie stabbilit fl-istrateġija.

[35] Pereżempju, il-proġett Orizzont 2020 "Europewave" – https://www.europewave.eu/

### 3.6. L-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista u ħiliet

L-istrateġija indirizzat id-dimensjoni tal-katina tal-provvista u tal-ħiliet f'dettall konsiderevoli u minn dak iż-żmien 'l hawn ġew implimentati diversi azzjonijiet. Madankollu, ir-rati għoljin ta' inflazzjoni li jirriżultaw mill-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż fuq il-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, il-ktajjen tal-provvista globali li qed jaġġustaw għall-ftuħ mill-ġdid wara l-lockdowns minħabba l-pandemija, irkupru fid-domanda b'bidla mis-servizzi lejn il-merkanzija, u s-swieq tax-xogħol stretti għamlu pressjoni fuq l-ekonomija ġenerali, inkluż fuq il-kapaċità tal-industrija tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li tagħti r-riżultati. Barra minn hekk, iż-żieda fil-kompetizzjoni miċ-Ċina u l-effetti potenzjali tal-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni jagħmluha neċessarja li tingħata attenzjoni partikolari lill-kundizzjonijiet ta' qafas għall-ktajjen tal-provvista tal-UE[36].

Minkejja differenzi importanti, il-ktajjen tal-provvista tal-UE għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta huma intrinsikament marbuta ma' dawk tas-settur tal-enerġija mir-riħ. Biex tindirizza l-isfidi kurrenti għall-manifatturi tal-enerġija mir-riħ, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni għall-industrija Ewropea tal-manifattura tal-enerġija mir-riħ[37]. Il-miżuri u l-azzjonijiet ta' politika li huma ta' rilevanza partikolari għall-ktajjen tal-provvista *lil hinn mill-kosta* huma elaborati hawn taħt.

Il-katina tal-provvista tal-UE għall-parks eoliċi lil hinn mill-kosta hija network kumpless ta' segmenti u komponenti interkonnessi ma' xulxin. Id-domanda dejjem tikber għall-parks eoliċi lil hinn mill-kosta madwar l-Ewropa u globalment hija riflessa fid-domanda dejjem akbar korrispondenti għat-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta tal-UE, il-pedamenti, is-substazzjonijiet HVDC u tagħmir elettriku ieħor, il-kejbils, it-tħejjija fil-portijiet u l-bastimenti. Sabiex il-manifatturi tal-UE jkunu jistgħu jkomplu jaqdu d-domanda dejjem akbar fl-UE u barra minnha, il-kapaċitajiet tal-manifattura tal-UE jeħtieġ li jikbru b'mod sostanzjali u b'pass aċċellerat biex jissodisfaw id-domanda tal-blokk li qed tikber malajr. Fl-istess ħin, barra mill-UE, il-kapaċitajiet tal-manifattura għall-komponenti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta qed jikbru malajr u qed tiġi pproġettata espansjoni sostanzjali ulterjuri. B'mod parallel mal-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għall-użu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, il-manifatturi tal-UE jeħtieġ li jibqgħu kompetittivi f'kompetizzjoni internazzjonali qalila. Sfidi addizzjonali jikkonċernaw l-istadju tal-operat u tal-manutenzjoni abbażi tat-tħassib dwar iċ-ċibersigurtà, u d-disponibbiltà ta' bastimenti tal-installazzjoni għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta[38]. Huwa mistenni li fil-ftit snin li ġejjin jinħolqu konġestjonijiet kważi fil-partijiet kollha tal-katina tal-provvista lil hinn mill-kosta fl-UE.

Segment partikolari tal-katina tal-provvista huwa dak tal-**portijiet**, portali uniċi għall-installazzjonijiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta. Dawn jipprovdu terminals għall-bastimenti meħtieġa għall-installazzjoni u għall-manutenzjoni lil hinn mill-kosta, u jistgħu jallokaw l-ispazju u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-manifattura u għall-assemblaġġ ta' ċerti komponenti. Id-daqs dejjem akbar tal-pali tat-turbini eoliċi

[36] Ir-Rapport ta' Progress tal-2023 dwar il-Kompetittività tat-Teknoloġiji tal-Enerġija Nadifa COM(2023)652

[37] COM(2023)669

[38] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1

jippreżenta sfidi loġistiċi. Dan jirrikjedi investimenti kbar, pereżempju fit-tħammil, fl-ispazju għall-ħżin u fl-assemblaġġ tat-turbini, jew fil-kapaċitajiet tal-krejn. Barra minn hekk, is-settur tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta bħalissa jibbaża l-aktar fuq bastimenti mibnija barra mill-UE li jistgħu joħolqu riskji għall-ktajjen tal-provvista futuri. Għalhekk, l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jikkostitwixxi opportunità għall-industriji tat-tagħmir marittimu u tal-bini tal-bastimenti tal-UE. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, tnedew l-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-Kummissjoni se tindirizza r-rwol tal-portijiet u l-isfidi tagħhom relatati kemm mal-impronta ambjentali tagħhom stess kif ukoll mal-kapaċità tagħhom li jgħinu fid-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet industrijali u tat-trasport marittimu. Dawn l-isfidi huma indirizzati permezz ta' proġett pilota msejjaħ Mudell Kummerċjali tal-Elettriku tal-Port li għandu jiġi ffinalizzat fl-ewwel nofs tal-2024.

- Biex tiġi indirizzata l-kapaċità tal-portijiet li jappoġġaw l-introduzzjoni mgħaġġla tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta bl-immappjar, bil-kategorizzazzjoni u bil-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-portijiet relatati mal-iżviluppi tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, jitwettaq studju fil-qafas tal-NSEC[39].

- Ir-Regolament dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) li bħalissa qed jiġi rivedut u r-Regolament TEN-E huma t-tnejn rilevanti għall-infrastruttura tal-portijiet. Il-Kummissjoni se tippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet bejn iż-żewġ regolamenti bil-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet qafas ġenerali għall-portijiet li jixtiequ jżidu l-attivitajiet tagħhom fis-settur tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Fl-2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-**Pjan Industrijali dwar il-Patt Ekoloġiku** (GDIP) biex ittejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea b'emissjonijiet żero netti u tappoġġa t-tranżizzjoni mgħaġġla għan-newtralità klimatika. Il-Pjan għandu l-għan li jipprovdi ambjent aktar ta' appoġġ għaż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-UE għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Ewropa. Il-Pjan huwa strutturat fuq erba' pilastri ewlenin: ambjent regolatorju prevedibbli u ssimplifikat, aċċess aktar mgħaġġel għall-finanzjament pubbliku u privat għall-produzzjoni tat-teknoloġija nadifa fl-Ewropa, inizjattivi biex jittejbu l-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u, fl-aħħar nett, il-ktajjen tal-provvista miftuħa u reżiljenti li jinkoraġġixxu l-kummerċ miftuħ. **L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**[40] u l-**Att dwar il-Materja Prima Kritika**[41] proposti fis-16 ta' Marzu 2023 huma l-atti ewlenin għall-iżvilupp tal-GDIP. Iż-żewġ atti se jikkontribwixxu biex iżidu r-reżiljenza tal-UE billi tingħata spinta lill-kapaċità tal-manifattura u jissaħħu s-sħubijiet bilaterali u l-kooperazzjoni multilaterali.

B'mod partikolari, l-aċċess għall-**materja prima** huwa suġġett kritiku. Ħafna ġeneraturi tal-elettriku tat-turbini eoliċi jibbażaw fuq kalamiti permanenti tal-materjali tal-art rari

[39] L-istudju se jiġi ppubblikat fuq il-paġna web tal-NSEC: https://energy.ec.europa.eu/topics/infrastructure/high-level-groups/north-seas-energy-cooperation_mt

[40] EUR-Lex - 52023PC0161 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

[41] EUR-Lex - 52023PC0160 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

biex jilħqu l-livelli għoljin ta' effiċjenza u prestazzjoni tagħhom[42]. Filwaqt li l-UE għandha rwol ewlieni fis-suq globali tat-turbini eoliċi, iċ-Ċina tiddomina s-suq tal-elementi tal-materjali tal-art rari, mill-materja prima sal-produzzjoni tal-kalamiti[43]. Konsegwentement, l-UE hija esposta għal tfixkil potenzjali relatat mal-provvista ta' materjali u komponenti tal-materjali tal-art rari (REE). Biex tiżdied l-awtonomija strateġika tal-UE, jitnaqqsu d-dipendenzi żejda, jissaħħu l-ktajjen tal-provvista u titnaqqas l-impronta ambjentali, qed tiġi esplorata kombinazzjoni ta' strateġiji u azzjonijiet kemm fl-NZIA kif ukoll fl-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRM), inklużi:

- it-tisħiħ tal-estrazzjoni tar-riżorsi tal-REE fl-Ewropa;
- iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-komponenti fl-UE, b'enfasi speċjali fuq ir-raffinar tal-REE u l-produzzjoni ta' kalamiti permanenti;
- it-tisħiħ tar-riċiklaġġ ta' kalamiti permanenti u s-sostituzzjoni tal-REE b'materjali u disinni innovattivi.
- il-promozzjoni ta' sħubijiet ma' pajjiżi sħab biex tiġi żgurata provvista mingħajr interruzzjoni ta' materja prima kritika;

L-**Att dwar il-Materja Prima Kritika** propost fih ukoll dispożizzjonijiet li jitolbu lill-Istati Membri jfasslu miżuri li għandhom l-għan li jtejbu ċ-ċirkolarità tal-materja prima kritika u strateġika u b'dan irawmu l-ħolqien ta' suq tal-materja prima sekondarja fl-UE. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq ta' tali għanijiet permezz ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni kontinwi dwar iċ-ċirkolarità, fejn il-Kummissjoni se timmonitorja l-adozzjoni tagħhom mill-industrija[44].

**L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti** (NZIA) jipproponi qafas regolatorju simplifikat għall-produzzjoni ta' teknoloġija nadifa u l-komponenti tal-ktajjen tal-provvista meħtieġa u jipproponi proċeduri għall-ħruġ aċċellerat tal-permessi għal proġetti ta' manifattura ta' teknoloġija nadifa. It-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u t-teknoloġiji tal-grilja huma elenkati fl-NZIA propost bħala teknoloġiji strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, kritiċi għall-mogħdija tal-UE lejn l-objettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2030[45]. Dan se jippermetti li l-proġetti ta' manifattura ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jiġu rikonoxxuti bħala proġetti strateġiċi b'emissjonijiet żero netti, li jibbenefikaw minn status ta' prijorità, proċeduri għall-ħruġ tal-permessi mqassra u appoġġ amministrattiv għal implimentazzjoni mgħaġġla u effettiva. Barra minn hekk, biex tappoġġa l-varar ta' prodotti ta' standard għoli, il-proposta tal-NZIA tirrikjedi li l-irkantijiet tal-enerġija rinnovabbli jagħtu l-kuntratt anke abbażi tal-kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà ambjentali[46].

---

[42] Dawn l-elementi tal-materjali tal-art rari (REE) huma n-Neodimju (Nd), il-Praseodimju (Pr), id-Disprożju (Dy) u t-Terbju (Tb).

[43] JRC, 2023: Carrara et al. “Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU - A foresight study”, https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC132889

[44] Dan huwa konformi mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta Rapport | Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (europa.eu)

[45] EUR-Lex - 52023PC0161 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

[46] Hemm żviluppi promettenti bil-prattiki dejjem jiżdiedu mill-Istati Membri li jistabbilixxu kriterji mhux relatati mal-prezzijiet fl-irkantijiet tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, inkluż dwar il-kolokazzjoni

Fid-dawl tal-urġenza li tiġi appoġġata r-reżiljenza tal-manifattura Ewropea għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-Kummissjoni se tieħu għadd ta' azzjonijiet fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-irkantijiet u l-konverġenza tal-kriterji kif spjegat f'aktar dettall fil-pjan ta' azzjoni dwar l-enerġija mir-riħ.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tottimizza l-użu ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti u taħdem mal-Bank Ewropew tal-Investiment fuq flussi ta' finanzjament apposta possibbli.

Fir-rigward tal-**ħiliet**, is-settur tal-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta (ORE) qed jikber. Illum dan jirrappreżenta madwar 80 000 impjieg u huwa mistenni joħloq bejn 20 000 u 54 000 impjieg[47] ġdid fil-5 snin li ġejjin madwar l-Ewropa kollha. Madankollu, b'tali aċċess mgħaġġel għall-iżvilupp għall-ħaddiema b'*ħiliet speċjalizzati* dan jista' jsir sfida għall-ħafna partijiet speċjalizzati tal-ktajjen tal-provvista u t-taħriġ speċifiku lil hinn mill-kosta se jsir aktar importanti filwaqt li l-attivitajiet fuq il-baħar se jikbru. F'dan il-kuntest, l-industrija se jkollha tindirizza r-riskji ta' skarsezzi ta' ħiliet. Illum, diġà hemm domanda kbira ħafna għall-maniġers, għall-inġiniera u għat-tekniċi u l-pożizzjonijiet tax-xogħol battala diġà huma diffiċli biex jimtlew. Dan se jirrikjedi approċċ ikkombinat, li jaċċellera l-isforzi kemm biex:

- Jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda kemm għan-nies li jaħdmu fl-industrija kif ukoll għal dawk li jidħlu fiha, speċjalment fid-diġitalizzazzjoni, fl-ICT, fir-robotika, fis-saħħa u fis-sikurezza.
- Jittejbu d-diversità u l-inklużività tas-settur. Dan ifisser l-appoġġ għall-bilanċ bejn il-ġeneri u l-attirar taż-żgħażagħ kif ukoll ta' dawk il-ħaddiema fi tranżizzjoni minn setturi oħra bil-għan li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun tranżizzjoni ġusta.

Kif enfasizzat fl-Aġenda għall-Ħiliet tal-2020 u kif rifless mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-indirizzar tal-isfidi tal-ħiliet huwa prijorità għall-Kummissjoni. Minbarra inizjattivi usa' biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet pereżempju permezz tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kontijiet ta' apprendiment individwali[48] u mikrokredenzjali[49], il-Kummissjoni żviluppat inizjattivi speċifiċi biex tindirizza l-ħtiġijiet settorjali. Pereżempju, is-suċċess tal-Alleanza tal-Pjan ta' Azzjoni Erasmus+ għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet fit-teknoloġiji marittimi (MATES) ikkontribwixxa għall-istabbiliment ta' sħubija fuq skala kbira għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta skont il-Patt għall-Ħiliet. Is-sħubija għandha l-għan li tattira ħaddiema ġodda fis-settur, b'mod partikolari ż-żgħażagħ u n-nisa, u tappoġġa t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-professjonisti tat-teknoloġiji marittimi. Fis-sentejn li ġejjin (2023-2024), din se tiġi appoġġata mill-proġett iffinanzjat mill-Erasmus+ FLORES (Forward Looking at the Offshore Renewable Energies). Dan se jinvolvi atturi ewlenin fl-ekosistema industrijali tal-ORE, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' governanza, biex jitrawmu offerti ta' taħriġ apposta u jiġu promossi l-karrieri fis-settur. Se jiżviluppa wkoll

---

ta' proġetti għat-titjib tan-natura, ta' diversi teknoloġiji (eż. l-enerġija mir-riħ f'wiċċ l-ilma, l-enerġija mill-mewġ jew l-enerġija solari f'wiċċ l-ilma), tas-sajd u tal-akkwakultura.

[47] Observatory – Flores (oreskills.eu)

[48] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/03

[49] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/02

osservatorju tal-ħtiġijiet u l-offerti ta' taħriġ għas-settur tal-ORE. Barra minn hekk, iċ-Ċentru ta' Eċċellenza Vokazzjonali ffinanzjat mill-Erasmus+ "Ħiliet Tekniċi għall-Enerġija Rinnovabbli Armonizzata lil Hinn mill-Kosta" (T-shore) għandu l-għan li jiżviluppa programmi u riżorsi ta' taħriġ biex jipprovdi lill-ħaddiema bil-ħiliet u bil-kompetenzi li jeħtieġu biex jirnexxu fl-industrija tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

Biex tkompli ssaħħaħ il-ħiliet għat-tranżizzjoni tat-teknoloġija nadifa, il-proposta dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti tagħti l-kompitu lill-Kummissjoni li tappoġġa l-istabbiliment ta' Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. L-Akkademji jkollhom l-għan li jippermettu t-taħriġ u l-edukazzjoni ta' 100 000 student kull waħda, fi żmien 3 snin mill-istabbiliment tagħhom, biex jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-ħiliet meħtieġa għat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inkluż f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-portabbiltà tal-ħiliet u l-mobilità tal-ħaddiema, l-Akkademji se jiżviluppaw u se jużaw kredenzjali, inklużi mikrokredenzjali, li jkopru l-eżiti tal-apprendiment.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Minn meta f'Novembru 2020 ġiet adottata l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore, il-gwerra fl-Ukrajna u l-pjan ta' REPowerEU li rriżulta ssottolinjaw l-importanza li tiġi aċċellerata l-introduzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta. L-istrateġija kienet strumentali biex tmexxi 'l quddiem il-bidliet f'ħafna oqsma, inklużi l-bidliet fil-qafas ġuridiku, bħar-Regolament TEN-E rivedut u l-RED riveduta. **L-objettivi l-ġodda tal-enerġija lil hinn mill-kosta, kif imressqa mill-Istati Membri, huma aktar ambizzjużi u jirrikjedu azzjoni mgħaġġla** fil-livell nazzjonali u reġjonali li tibni fuq il-progress li sar sa issa. Il-pjan ta' azzjoni dwar l-enerġija mir-riħ, adottat flimkien ma' din il-komunikazzjoni, jistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet li jistgħu jgħinu biex jiġi aċċellerat il-varar tal-enerġija mir-riħ b'mod partikolari u tissaħħaħ l-industrija Ewropea tal-enerġija mir-riħ.

Il-kisbiet sa issa u l-isfidi li ġejjin jissottolinjaw il-ħtieġa li **tissaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni reġjonali** biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija transfruntiera, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' grilji lil hinn mill-kosta u proġetti transfruntieri tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll MSPs reġjonali. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex timplimenta l-azzjonijiet identifikati biex tavvanza proġetti konkreti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet kuraġġużi.

Fuq l-**iskala internazzjonali**, il-Kummissjoni se tkompli taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-AIE u l-IRENA, u tissieħeb ma' pajjiżi li huma atturi ewlenin fil-qasam tal-enerġija biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta madwar id-dinja inkluż permezz tal-inizjattiva Global Gateway.

Il-Kummissjoni tqis li kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku eżistenti kif ukoll il-promozzjoni ta' ftehim dwar leġiżlazzjoni ġdida proposta kif deskritt f'din il-Komunikazzjoni se jippermettu twettiq f'waqtu tal-ambizzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta b'mod sostenibbli. Dan se jirrikjedi sforz persistenti u bla heda mill-partijiet ikkonċernati kollha.